# Id-Devozzjoni lejn San Nikola ta' Bari fis-Siġġiewi

## *Il-Bieraħ u Llum*

minn Joseph Schembri

**Id-devozzjoni lejn San Nikola ta' Bari hija mferrxa mad-dinja kollha. Il-knejjes, il-kappelli, u x-xbihat ta' San Nikola huma bla għadd, sa mill-eqdem żminijiet. F'Malta din id-devozzjoni lejn dan il-qaddis kbir tal-mirakli, kienu ġabuha magħhom il-baħħara tal-Lvant li fosthom kien ilu meqjum bħala l-protettur tagħhom, għax fih kienu raw interċessur qalbieni.**[1]

F'dawk iż-żminijiet, l-insara kellhom il-knejjes jew l-imqades tagħhom, dawn ġeneralment kienu jkunu mħaffrin fil-blat, jew inkella ġo xi għar. In-naħa tal-Fawwara hemm l-għar ta' San Ġorġ, li kien użat bħala maqdes, speċjalment mis-suldati tad-dejma li kienu jkunu stazzjonati hemm biex jgħassu f'dawk l-inħawi. F'Kemmuna hemm bajja sabiħa ħafna li jgħidulha l-Qala ta' San Niklaw, li qiegħda bejn Għar Għana u l-Qala ta' Santa Marija. Fil-Mellieħa wkoll hemm l-Għar ta' San Niklaw li kien użat bħala kappella fis-seklu 13, illum dan huwa magħruf bħala San Niklaw tal-Mellieħa.[2] Dawn huma xhieda li kienu l-baħħara li kienu ġew f'Malta mijiet ta' snin ilu, li ġabu magħhom il-kult lejn San Nikola ta' Bari.

Missirijietna kienu jqimuh lil San Nikola, u għalhekk huma kienu għażluh bħala l-protettur tagħhom sabiex jgħinhom f'kull għawġ illi fih ikunu jinsabu, u biex fuq ħajtu, ifasslu ħajjithom. L-irħula ż-żgħar li minnhom kien ġie ffurmat is-Siġġiewi, u peress li kienu qrib il-baħar, kienu jkunu ta' spiss attakki mill-ħallelin tal-baħar. Huma kienu jitolbu lil San Nikola biex jeħlishom minn dak l-għawġ. Fil-fatt huma kienu jiftakru fih, u kienu jsemmu lil uliedhom għall-qaddis Nikola. Fil-lista tal-Milizzja tas-Suldati tad-Dejma 1419-20, insibu li fl-inħawi tas-Siġġiewi kien hemm seba' rġiel bl-isem ta' Kola. Dawn huma: Kola Tabuni, Kola Azubardu, u Kola Meheri – it-tlieta kienu joqogħdu s-Siġġiewi, Kola Tunne – minn Ħal Xluq; Kola Axac minn Ħal Kbir; Kola Farruge minn Ħal Tabuni; u Kola Cadusi minn Ħal Qdieri.[3]

Matul il-medda tas-snin, l-isem Kola kien komuni ħafna fis-Siġġiewi. Ma kienx hawn familja waħda li ma kellhiex lil xi membru tal-familja li jġib l-isem ta' Kola, Kolinu jew Kolina. F'dawn l-aħħar snin ma tantx għadna nisimgħu b'dawn l-ismijiet. Illum il-ġenituri qegħdin jagħtu lil uliedhom ismijiet moderni, imma xorta waħda b'konnessjoni ma' San Nikola. Uħud mill-ismijiet li qegħdin jingħataw huma: Nick, Nicholas, Nicolai, Colin, Nicolò, Nicole, Nicola, Nicolette, Colett...[4] F'kull dar Siġġiwija kien hemm u għad hemm ix-xbiha ta' San Nikola ġo l-inkwadru mdendel mal-ħajt. Fiż-żmien tal-festa u nhar il-festa Liturġika fis-6 ta' Diċembru naraw xi statwi żgħar ta' San Nikola fit-twieqi mżejna u bid-dwal.

F'dawk iż-żminijiet ta' faqar u ġuħ, l-antenati tagħna kienu kollha bdiewa. X'uħud minnhom kienu joqogħdu fl-irziezet jew inkella f'xi kmamar imxerrdin qalb l-għelieqi. Għalkemm b'din it-tbatija kollha, huma kellhom seba' knejjes, waħda kbira, u s-sitta l-oħra żgħar, kollha ddedikati lil San Nikola ta' Bari, li



*Il-knisja minn ġewwa, fil-festa, qabel is-sena 1936. Araw il-liedna mxerrda ma' l-art tal-knisja, li kienet għadha kollha oqbra, qabel sar l-irħam fl-1936/7.*

minnhom kien tant meqjum. Erbgħa minn dawn il-knejjes kienu fis-Siġġiewi, u t-tlieta l-oħra fil-kampanja. Dawn kienu waħda f'Ħal Xluq, u oħra f'Ħal Kbir qrib id-Dar tal-Providenza; sinjal ta' din il-knisja x'aktarx li jagħtihulna salib żgħir li kien fuq bieb ta' għorfa llum mġarrfa. (Kien Mons. Pietru Duzzina, li kien ordna biex jitwaħħlu dawn is-slaleb żgħar, u biex ifakkruna li darba żmien ilu kien hemm knisja.) Il-knisja l-oħra hija ta' Ħal Niklusi jiġifieri r-raħal ta' San Nikola. Din il-knisja kienet l-eqdem waħda, u nbniet qabel ma kienet inbniet l-ewwel knisja parrokkjali l-qadima ta' San Nikola fis-Siġġiewi. Mill-fdal ta' l-ewwel knisja ma fadal xejn, dik li naraw illum kienet inbniet ftit snin wara l-1668.

Fis-Siġġiewi kien hawn tliet knejjes żgħar fil-post ċentrali tar-raħal. L-oħra kienet il-knisja parrokkjali l-qadima, li kienet ġawhra ta' knisja. Il-fdalijiet ta' din il-knisja, għadhom jixhdu dak il-ġmiel ta' meta darba kienet fl-aqwa tagħha. Qabel ma kienet ġiet profanata, din il-knisja kellha bżonn ta' xi tiswijiet, u kienet saret żgħira għan-nies, għalhekk il-Kleru flimkien mal-poplu ddeċidew li jibnu knisja ġdida akbar mill-oħra l-qadima, jiġifieri l-knisja li għandna llum.

F'dawn l-aħħar snin, fid-djar il-ġodda li nbnew u li qegħdin jinbnew, naraw xi frontispizji bix-xbiha ta' San Nikola, imnaqqxa fil-ġebla jew inkella bl-arma tiegħu. Fuq il-bjut ta' dawn id-djar il-ġodda, naraw kwantità ta' arbli, li fil-jiem tal-festa jkunu bil-festuni tad-dawl għal filgħaxija, u bil-bnadar għal matul il-ġurnata, fosthom bnadar bix-xbiha ta' San Nikola.

Meta l-festa kienet issir fix-xitwa nhar is-6 ta' Diċembru, il-festa kienet tiġi l-ewwel u qabel kollox. Għal danl-iskop kienu jfaddlu xi ħaġa tal-flus, biex ikunu jistgħu jilbsu xi ħaġa ġdida huma u wliedhom. Kienu jaħsbu minn qabel biex imorru għand il-ħajjatin, biex iħitu l-ilbies, u wkoll għand l-iskarpan li dak iż-żmien kien hawn fir-raħal biex jordnaw xi żarbun jew xi qorq ġdid.

Għall-okkażjoni tal-festa ta' San Nikola l-knisja kienet tiġi mżejna minn barra u minn

ġewwa. L-armar tat-toroq u tal-pjazza kull ma jmur dejjem ġej 'il quddiem. F'dawn l-aħħar snin rajna jitwaqqaf il-*Grupp Armar tal-festa 6 ta' Diċembru*, grupp ta' voluntiera li daħlu b'ruħhom u ġisimhom biex jirranġaw u jiżbgħu l-armar kollu tal-pjazza.

Kienu bla għadd is-sunetti jew poeżiji li ħarġu minn idejn il-Poeti Siġġiwin u barranin fl-okkażjoni tal-festa ta' San Nikola; kemm meta kienet tkun iċċelebrata fix-xitwa, u kemm fis-sajf. Il-vrus tagħhom juruna mħabbithom, u x'devozzjoni kellhom lejn San Nikola. Dawn is-sunetti jew poeżiji kieu jitfgħuhom minn fuq in-nava prinċipali tal-portiku waqt il-ħruġ tal-vara fil-festa.

**San Nikola kellu u għad għandu devozzjoni fir-raħal tagħna. Ta' dan kienu jixhduh il-kwadri tal-wegħdi, li kienu juru l-grazzji lid-devoti kienu jitolbu lil San Nikola fil-bżonnijiet tagħhom, u li qalgħu għat-talb tagħhom. Dawn l-inkwadri nqerdu biż-żmien. San Nikola xorta waħda għadu jaqla' l-grazzji u jwettaq mirakli mad-devoti tiegħu. L-ikbar miraklu li għadu sallum, hija l-Manna li hu bħal ilma ċar li jnixxi mill-għadam imqaddes ta' San Nikola fil-qabar tiegħu ġewwa Bari. Ħafna nsara sabu fih il-fejqan tar-ruħ u tal-ġisem.**

**Riferenzi:**


[1,2] Nikola Callus – *San Nikola, kif il-kult tiegħu daħal fil-Gżejjer Maltin* – Siġġiewi, Ottubru 1996, p.10.

[3] G. Wettinger – *The Milita List 1419-20* – Melita Historica 1968.

[4] Għal aktar ismijiet differenti ta' Nikola ara *Is-Siġġiewi* Ġunju 1992, paġna 13.


Ritratt riċenti u tassew sabiħ
tal-knisja tagħna.
L-eżekuzzjoni estetika tidher
fiha b'mod imponenti u turi
f'kollox dixxiplina perfetta.

Hija frott tal-moħħ u l-ħidma
ta' Lorenzo Gafà li ppjanaha,
Nikola Zammit li żidilha
n-navi u portiku mill-isbaħ,
kif ukoll Andrea Vassallo li
inkurunaha b'koppla maestuża.

Missirijietna stinkaw u batew
biex raw il-ħolma tagħhom
isseħħ f'realtà u għaddewha
lilna, hekk sabiħa.
Huwa dmir tagħna lkoll li
nikkonservawha u ngħadduha
lil uliedna bil-ġmiel kollu tagħha.

*(Ritratt: Vassallo Photo Studio)*

